Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' April 2018**
**(OR. en)**

**8216/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0230 (COD)**

**CODEC 607**
**CLIMA 66**
**ENV 244**
**AGRI 185**
**FORETS 14**
**ONU 30**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE**(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-22 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] msemmija hawn fuq, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2017[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Awwissu 2017[3].

[1] 15108/16.
[2] ĠU C 75, 10.3.2017, p. 103.
[3] ĠU C 272, 17.8.2017, p. 36.

3. Fis-17 ta' April 2018 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 68/17, bid-delegazzjoni Pollakka tivvota kontra u d-delegazzjoni Latvjana tastjeni;
- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 8049/18.